**Kunsill Lokali San Gwann**
55, Triq Robert Caruana Dingli, San Gwann SGN 1033, Malta
Tel: 00356 21373777  Fax: 00356 21373888   email: sangwann.lc@gov.mt   website: www.lc.gov.mt

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**
**LAQGĦA NUMRU 2 – IT-TNEJN, 15 TA' LULJU 2019 FIS-5.40PM**

**Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill**

Preżenti

| | |
|---|---|
| Trevor Fenech | Sindku |
| Anthony Mifsud Bonnici | Viċi Sindku |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Etienne Bonello Du Puis | Kunsillier |
| Joe Aquilina | Kunsillier |
| David Dalli | Kunsillier |
| Tania Borg | Kunsillier |
| Violet Bajada | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 1**

1.1 Is-Sur Joe Aquilina ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur David Dalli ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mtella mill-Minuti 1**

2.1 Ma kienx hemm punti imtella.

**3 Pagamenti Numru 1**

3.1 Is Sinjura Joan Farruiga pproponiet li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Dwar il-Festa 2019 ġew diskussi xi punti. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jipprovdi 8 wardens għal waqt il-festa biex ikunu fuq il-post, flimkien mal-pulizija għal traffic management aħjar. Kien hemm qbil unanimu wkoll li l-Kunsill jiffinanzja l-fire engine waqt il-festa. Ġiet diskussa wkoll talba minn Għaqda Festa Esterna biex jiġi ffinanzjat 150 Euro ħal lifter, talba biex jitneħħa mod temporanju bank, u No Objection biex jingħalqu partijiet minn toroq waqt li jkunu qegħdin jarmaw, kif ukoll jiġi pprovdut pulizija waqt dan l-armar. Kien hemm qbil unanimu għal dawn kollha.

4.2 Kien hemm diskussjoni dwar l-kuntrattur tal-ġonna li kellu l-Kunsill, Premier Business Ltd, li ġie mwaqqaf mill-kuntratt. Kien hemm qbil li jiġi ffirmat ftehim li ż-żewġ partijiet jaqblu li jitwaqqaf dan il-kuntratt amikevolament u jitħallas sakemm kien qed joffri s-servizz.

4.3 Bdiet tiġi diskussa l-applikazzjoni li hemm fi Triq is-Santwarju biex jinbena blokka appartamenti. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis skuża ruħu mil-laqgħa u ddikjara konflitt ta' interess.

4.3.1 Kien hem sospensjoni ta' hames minuti.

4.3.2 Is-Sur Trevor Fenech informa lill-Kunsill li minkejja li l-Kunsill mhux official objector, xorta jista' jkun preżenti u joġġezzjona verbali waqt seduta tal-PA. Is-Sur Joe Aquilna nforma lill-Kunsill li hu kien objector.

Is-Sinjura Joan Farrugia skużat ruħha mil-laqgħa.

Is-Sur Aquilina nforma lill-Kunsill li hemm grupp ta' residenti li huma objectors li jixtiequ jagħmlu presentation lill-Kunsill. Is-Sur Fenech qabel li jagħmlu din il-presentation u għandhom jaħmlu hekk fil-laqgħa li jmiss. Is-Sur Aquilina nkariga lilu nnifsu biex jinforma lil dawn ir-residenti. Is-Sur Cassar irrakomanda li tittieħed deċiżjoni wara li tinstema' din il-presentation. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

Is-Sinjura Joan Farrugia u s-Sur Etienne Bonello Du Puis daħlu għal laqgħa.

4.4 Kien hemm diskussjoni dwar il-fuljett tal-Kunsill, il-Ħuġġieġa. Kien hemm qbil unanimu li l-Editur għandu jkun is-Sur Anthony Mifsud Bonnici, filwaqt li l-membri jkunu Dominic Cassar, Tania Borg, Joan Farrugia u Violet Bajada

**Kunsill Lokali San Gwann**
55, Triq Robert Caruana Dingli, San Gwann SGN 1033, Malta
Tel: 00356 21373777 Fax: 00356 21373888 email: sangwann.lc@gov.mt website: www.lc.gov.mt

## 5 Korrispondenza

5.1 Kien hemm diskussjoni dwar konsiderazzjoni għal rikonoxximent għal ex membri tal-KAC. Wara diskussjoni, kien hemm qbil unanimu li tintbagħat ittra lil dawn il-persuni.

5.2 Kien hemm diskussjoni dwar korrispondenza biex il-Kunsill juru sapport lil LGBTQ billi tinżebaħ zebra crossing u /jew bank bil-kuluri tal-qawsalla. Kien hemm proposta li jiġi identifikat bank, fejn dan jiġi miżbugħ skont tema tax-xahar. Dan qalu is-Sur Etienne Bonello DuPuis wara spunt tas-Sur Joe Aquillina. Kien hemm qbil unanimu. Dwar iz-zebra crossing, is-Sur Joe Aquilina ġibed l-attenzjoni, li skont guidelines ta' TM, zebra crossing trid tkun bajda u sewda u jista' jkun hemm riperkuzzjonijiet legali jekk ikun hemm inċident fuq zebra crossing miżbugħa bil-qawsalla minflok bajda u sewda. Kien hemm qbil li dan jiġi ċċarat ma' TM.

5.3 Ġew innutati r-rapporti tal-PCRB dwar it-tender tal-Bulky Refuse. Dan għandu jiġi analizzat aħjar u tittieħed deċiżjoni fl-laqgħa oħra.

5.4 Għandu jsir rapport dwar tenders li għandhom jinħarġu bid-dettalji tal-ispecific conditions, biex dawn jiġu approvati mill-Kunsill qabel ma' jiġu ppubblikati.

5.5 Kien hemm qbil li jinġabru kwotazzjonijiet biex tinkera karozza li taħdem bl-elettriku biex din tintuża għal trasport fil-lokal għall-anzjani u persuni bi bżonnijiet speċjali.

5.6 Il-Kunsill ġie nfurmat li ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-iskema għal drip irrigation.

5.7 Il-Kunsill ġie nfurmat li ġiet sottomessa l-applikazzjoni għal LC Care, għall-ħarsien tal-annimali.

5.8 Kien hemm diskussjoni dwar petition ippreżentata lill-Kunsill biex grupp ta' residenti jagħmlu arbli fil-parti ta' Triq Ugo Carbonaro biex din il-parti tiżżejjen fi żmien il-festa u żmien il-Milied minnhom stess, peress li m'hemmx tiżjin f'din il-parti tat-triq. Wara numru ta' kunsiderazzjonijiet, kien hemm qbil unanimu li ma tiġix aċċetta din it-talba.

## 6 Affarjiet ohra

6.1 Is-Sinjura Joan Farrugia staqsiet dwar id-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill ġie nfurmat li diġà hemm Deputat Segretarju Eżekuttiv.

**Kunsill Lokali San Gwann**
55, Triq Robert Caruana Dingli, San Gwann SGN 1033, Malta
Tel: 00356 21373777 Fax: 00356 21373888 email: sangwann.lc@gov.mt website: www.lc.gov.mt

6.2 Is-Sur Dominic Cassar tkellem dwar il-bankijiet li nqalagħu minn Triq Ugo Carbonaro. Kif ukoll dwar xogħol ta' manutenzjoni li qed issir fil-parti tal-klabb tal-boċċi. Hu lmenta wkoll li kien hemm ordni biex xogħlijiet li kien hemm approvati dawn jiefqu. Hu kompla billi nforma lill-Kunsill li rriżenja mill-kariga tiegħu sakemm l-affarjiet jibdew isiru skond il-ligi. Is-Sindku wieġeb li l-bankijiet inqalagħu għal manutenzjoni. Hu wieġeb ukoll li l-parti li qed issir il-manutenzjoni hija pubblika u hemm dokumenti li juru li hija pubblika. Ikkonferma wkoll li ma nħarġet ebda ordni lill-kuntratturi tal-Kunsill biex jieqfu xogħlijiet li ġew approvati mill-Kunsill, imma kien hemm ordni li xogħlijiet isiru biss b'Works Order mis-Segretarju Eżekuttiv.

6.3 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis staqsa dwar Triq il-Mensija. Is-Sindku wieġbu li għandu informazzjoni li xogħol ta' resurfacing ser jibda wara li tgħaddi l-festa.

6.4 Is-Sur David Dalli tkellem fuq: il-bżonn ta' mera fi Triq San Pawl kantuniera ma' Triq Birkirkara.

Is-Sinjuri Joan Farrugia u Etienne Bonello Du Puis skużaw ruħhom mill-laqgħa fit- 7.45pm

6.4.1 Is-Sur Dalli kompla, hemm bżonn refreshing ta' STOP fi Triq il-Fuxa kantuniera ma' Triq Lunzjata, MC bay fi Triq Birkirkara kantuniera ma' Triq il-Gallina, zebra crossing ġdida fi Triq R Caruana Dingli u oħra fi Triq Birkirkara quddiem l-ECO, ilmenta li qed ikun hemm ħafna smart cars ipparkjati ħdejn l-ECO. Hu kompla billi nforma lill-Kunsill li rriżenja mill-kariga tiegħu fejn ilmenta li ma jaqbilx ma' post li sar fuq FB minn Kunsillier Farrugia peress li hu kien responsabbli mit-tindif. Is-Sindku rrisponda billi fakkar li s-Sinjura Farrugia hija responsabbli mill-ġonna u hi kitbet fuq tindif fil-ġonna.

6.5 Is-Sur Joe Aquilina ssuġġerixxa li meta jiġu maħsula l-madwar tal-iskips jintuża disinfettant. Hu nforma lill-Kunsill li hemm persuna li lesta tagħmel after school tutoring għal tfal tal-iskola. Hu nforma lill-Kunsill li għandu jiltaqa' ma' Wirt San Ġwann. Hu ssuġġerixxa li l-bankijiet ta' Triq Ugo Carbonaro jitwaħħlu jħarsu lejn il-wied. Staqsa wkoll dwar xogħlijiet fi Triq Bella Vista, fejn is-Sindku wieġbu li x-xogħlijiet saru minn Ambjent Malta.

6.6 Is-Sinjura Violet Bajada tkellmet dwar reserved parking fi Triq is-Santwarju biex din issir kulur Blue. Hi staqsiet biex tinxtara bandiera biex tittella' matul il-ġurnata. Talbet ukoll biex issir refreshing taż-zebra crossing fi Triq in-Naxxar u Triq is-Santwarju.

**Kunsill Lokali San Gwann**
55, Triq Robert Caruana Dingli, San Gwann SGN 1033, Malta
Tel: 00356 21373777 Fax: 00356 21373888 email: sangwann.lc@gov.mt website: www.lc.gov.mt

6.7 Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici lmenta li meta tkun ser issir Triq il-Mensija għandha ssir ukoll parti minn Triq Sant'Andrija fejn hemm benniena u żżomm l-ilma. Hu lmenta fuq plot fi Triq il-Fuxa kantuniera ma' Triq Lunzjata. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li din il-plot ser titnaddaf minn sidha.

**7 Għeluq il-Laqgħa**

7.1 Il-laqgħa spiċċat fit-8.15pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 29 ta' Lulju 2019 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| Kurt Guillaumier | Trevor Fenech |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |